MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## MICALLEF JOSEPH R.

Seduta ta' 17 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 704/2001/1

**Francis RIPARD**

**vs**

**DIRETTUR ĠENERALI TAD-DIPARTIMENT TAS-SAĦĦA u t-Tabib Prinċipali tal-Gvern**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fil-25 t'April, 2001, li bih l-attur ippremetta:

Illi l-attur hu impjegat mad-dipartiment tas-saħħa;

Illi fil-5 ta' Novembru 1998 hu ġie sospiz mix-xogħol bil-pendenza ta' proceduri kriminali kontra tiegħu mil-liema proċeduri hu ġie liberat kif jidher mill-annessa kopja tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati tat-13 ta' Lulju 2000;

Ili għalkemm hu ingħ ata s-salarju li kien tilef, il-konvenut irrifjuta li jħallsu l-allowances u premia dovuti lilu għall-

perjodu bejn il-5 ta' Novembru 1998 u Settembru 2000 kif jidher mill-ittra li l-istess konvenut bagħat b'risposta għall-ittra uffiċjali mibgħuta mill-attur fit-23 ta' Novembru 2000 (Dok "A");

Għalhekk l-attur talab lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex:

1. Tiddikjara li l-attur għandu dritt jitħallas l-allowances u premia marbuta max-xogħol tiegħu;

2. Tillikwida dawn l-allowances u premia;

3. Tikkundanna l-konvenuti jew min minnhom iħallas lill-atturi s-somma hekk likwidata;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut kompriz l-ittra uffiċjali tat-23 ta' Novembru 2000;

Il-konvenut ingunt għas-subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-attur, flimkien maż-żewġ (2) dokumenti mehmużin magħha;

Rat in-Nota mressqa fil-11 ta' Ġunju, 2001, li biha l-imħarrek Tabib Ewlieni tal-Gvern eċċepixxa:

Illi preliminarijiet ir-rappreżentanza ġuridika tad-Dipartiment tas-Saħħa hija fdata f'idejn it-Tabib Prinċipali tal-Gvern u mhux id-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tas-Saħħa;

Illi preliminarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost għad jonqos in-notifika ta' l-Avukat tar-Repubbika u dan bi ksur ta' l-Artikolu 181 A tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12);

Illi preliminarjament it-Tabib Prinċipali tal-Gvern ma hux leġittimu kontradittur u ġie mħarrek unitilment stante illi d-deċiżjoni li l-attur Francis Ripard jiġi interdett kif ukoll il-ħlas dovut lilu in konformita ma' l-intudizzjoni tiegħu ma tteħditx mill-konvenut kif pretiz izda mill-Prim Ministru

wara rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku;

Ill subordinament u mingħajr preġudizzju għas-suespost l-attur kien ġie sospiz mix-xogħol ai termni ta' regolament 15(2) tal-'Public Service Commission' (Disciplinary Procedure Regulations) ta' l-1977, u sussegwetament ġie interdett mill-Prim Ministru wara li kienet saret rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku;

Illi subordinamet u mingħajr preġudizzju għas-suespost fi kwalunkwe każ is-salarju ta' l-impjegat ma jinkludix fih awtomatikament 'l-allowances', diment l-impjegat ma jkunx ħadem għalihom. Di piu' ma jezisti l-ebda dritt awtomatiku ta' l-impjegat għal-'allowances;

Salv eċċezzjonijit oħra;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-imħarrek Tabib Ewlieni tal-Gvern, flimkien mal-ħames (5) dokumenti mehmużin magħha;

Rat illi l-imħarrek Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tas-Saħħa, notifikat kif imiss fit-22 ta' Mejju, 2001[1], b'kopja tal-att taċ-Ċitazzjoni u bl-Avviż tas-Smigħ, baqa' ma ressaqx Nota tal-Eċċezzjonijiet fiż-żmien mogħti lilu mil-liġi, u għalhekk baqa' kontumaċi. Madankollu, dan jista' jkun spjegabbli fid-dawl tal-ewwel eċċezzjoni tal-imħarrek, li għandu hu r-rappreżentanza ġuridika tad-Dipartiment tas-Saħħa;

Rat il-verbal tas-smigħ tal-11 t'Ottubru, 2001, dwar it-tieni eċċezzjoni tal-imħarrek Tabib Ewlieni tal-Gvern;

Rat id-Degriet tagħha tal-11 t'Ottubru, 2001, li biha tat lill-partijiet il-fakulta' li jressqu Noti ta' Sottomissjonijiet dwar it-tielet eċċezzjoni tal-imħarrek, li huwa ma messux ġie mħarrek mill-attur;

---

[1] Riferta a fol 20 *tergo* u 21 tal-process

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa fid-9 ta' Novembru, 2001[2], mill-imħarrek;

Rat in-Nota mressqa mill-attur fit-30 ta' Novembru, 2001, bi tweġiba għal dik imressqa mill-imħarrek;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet lill-avukati tal-partijiet;

Rat id-Degriet tagħha tal-15 ta' Jannar, 2002, tal-4 t'April, 2002, u tat-13 ta'Ġunju, 2002, li bihom ħalliet il-kawża għad-deċiżjoni dwar l-imsemmija eċċezzjoni;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni fejn l-attur qiegħed jitlob id-dritt li li jitħallas ammont ta' *allowances* marbuta mal-impieg tiegħu għaż-żmien li kien sospiż mix-xogħol sakemm kienu għaddejjin proċeduri dixxiplinari kontra tiegħu;

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrek laqa' b'għadd ta' eċċezzjonijiet ta' natura proċedurali preliminari, fosthom dik taħt eżami li l-attur ma messux ħarrek lilu billi d-deċiżjoni li l-attur jiġi interdett u l-ammont ta' ħlas li kellu jirċievi ittieħdet mill-Prim Ministru u mill-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku u mhux mill-istess imħarrek;

Illi minn dak li jirriżulta mill-atti tal-proċess (kważi għal kollox muri permezz ta' provi dokumentali mressqa minn kull wieħed mill-partijiet), joħroġ li l-attur huwa impjegat mad-Dipartiment tas-Saħħa, bħala *Manager Nursing Services.* Fl-1997 kienu nbdew proċeduri dixxiplinari kontra tiegħu li wasslu għal proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. Fis-27 ta' Novembru, 1998[3], il-Prim Ministru, fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni, kien interdiċa lill-attur mill-kariga tiegħu b'nofs is-salarju. L-attur ġie mgħarraf b'din id-deċiżjoni

[2] Pag. 36 tal-process
[3] Dok "A", f'pa[. 26 tal-pro`ess

f'April tal-1999[4]. Amministrativament, id-deċiżjoni bdiet titwettaq b'effett minn Novembru tal-1998[5];

Illi b'sentenza mogħtija fit-13 ta' Lulju, 2000[6], l-Qorti tal-Maġistrati ħelset lill-attur minn kull xilja magħmula kontra tiegħu. Wara li ngħatat dik is-sentenza, l-Uffiċċju tal-Prim Ministru talab lill-Kummissjoni biex, fid-dawl tal-fatt li l-attur inħeles minn kull akkuża u li ma kienx maħsub li d-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tas-Saħħa ma kellux fi ħsiebu jieħu passi oħrajn kontrih, tikkunsidra jekk għandhiex tneħħi l-interdizzjoni u tħallsu n-nofs salarju li kien inżammlu sakemm damet fis-seħħ l-interdizzjoni[7]. Fit-18 ta' Settembru, 2000[8], il-Kummissjoni għarrfet lid-Direttur Ġenerali tas-Saħħa li kienet qegħda tirrakkomanda t-tneħħija tal-interdizzjoni. Jidher li f'Novembru tal-2000[9], l-attur ressaq talba b'att ġudizzjarju għall-ħlas li kien jippretendi, inkluż dak tal-*allowances*, liema talba ġiet miċħuda, u dan għar-raġuni li fiż-żmien tal-interdizzjoni ma kienx qiegħed jaħdem. F'April tal-2001, l-attur fetaħ il-kawża;

Illi s-sottomissjonijiet tal-imħarrek dwar l-eċċezzjoni minnu mqanqla huma sempliċi u diretti: fl-ewwel lok, id-deċiżjoni li l-attur jiġi interdett ittieħdet mill-Prim Ministru fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku; illi daqstant ieħor hija vestita fil-Prim Ministru, ukoll fuq rakkomandazzjoni tal-imsemmija Kummissjoni, s-setgħa li jeżerċita kontroll dixxiplinari fuq kull uffiċjal pubbliku; l-imħarrek m'għandu l-ebda setgħa jew rwol f'dawn id-deċiżjonijiet; u fit-tieni lok, *allowance* m'hijiex parti mis-salarju ta' uffiċjal pubbliku, imma jitħallsu biss jekk kemm-il darba x-xogħol li għalih dawk l-*allowances* normalment jingħataw ikun tassew twettaq;

Illi, kif ingħad, l-attur huwa uffiċjal pubbliku; illi matul iż-żmien li kienu għaddejjin l-imsemmija proċeduri huwa kien interdett u, bħala fatt, ma kienx jidħol għax-xogħol;

[4] Dok "B", f'pa[. 27 tal-pro`ess
[5] Dok "~", f'pa[. 28 tal-pro`ess
[6] Dok "B", f'pa[[. 6 sa 17 tal-pro`ess
[7] Dok "D", f'pa[[. 30-1 tal-pro`ess
[8] Dok "E", f'pa[. 32 tal-pro`ess
[9] Dok "A", f'pa[. 4 tal-pro`ess

Illi għall-finijiet tal-eċċezzjoni taħt eżami, l-iżjed li hu rilevanti huwa l-ewwel argument, għaliex it-tieni wieħed (kif sewwa qal l-attur fin-Nota ta' tweġiba tiegħu) jolqot il-mertu, li f'dan l-istadju tal-kawża għadu ma bediex jiġi mistħarreġ, sewwasew minħabba l-effetti tal-imsemmija eċċezzjoni;

Illi, min-naħa tiegħu, l-attur jisħaq li hu impjegat mal-imħarrek u kien l-imħarrek li ħa d-deċiżjoni li jssospendih. L-esponenti m'għandu l-ebda rabta mal-Prim Ministru u lanqas mal-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku, għaliex l-unika relazzjoni ġuridika hija mal-imħarrek;

Illi l-Qorti qieset fit-tul il-qagħda li tippreżenta ruħha f'dan il-każ, u sabet li l-problema mqanqal bl-eċċezzjoni m'huwiex għal kollox sempliċi. Dan jingħad għaliex mid-dokumenti mressqa, kull deċiżjoni li laqtet lill-attur sa minn meta bdew il-proċeduri dixxiplinari kontrih, kienet deċiżjoni li ttieħdet mill-Prim Ministru li qagħad għar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni. Dan jgħodd ukoll għad-deċIżjoni meħuda biex titneħħielu l-interdizzjoni u dwar ir-reintegrazzjoni remunerattiva tiegħu b'effett ta' tali rijabilitazzjoni. Huwa minnu li d-deċiżjoni li l-attur ikun sospiż u li jinbdew il-proċeduri kontra tiegħu setgħet kienet ittieħdet (tintuża l-kelma "setgħet" għaliex ma saritx prova tanġibbli u ċara li dan kien il-każ) mill-imħarrek, imma deċIżjoni bħal din ma kinitx tfisser minnufih l-interdizzjoni. Il-Qorti qieset li, fiż-żmien li nbdew il-proċeduri dixxiplinari kontra l-attur, kienu għadhom fis-seħħ ir-Regolamenti tal-1977 dwar il-Proċedura Dixxiplinari[10]. Taħt ir-Regolament 15 li kien jitkellem dwar sospensjoni u interdizzjoni, joħroġ ċar li d-deċiżjoni effettiva dwar l-interdizzjoni tittieħed mill-Prim Ministru fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Minkejja kull konvinċiment li jista' jkollhom il-Kap tad-Dipartiment konċernat jew is-Segretarju Amministrattiv dwar l-applikazzjoni tas-sanzjoni tal-interdizzjoni, l-aktar li kienu jistgħu jagħmlu (minbarra li jissospendu lill-uffiċjal pubbliku investigat) hu li jressqu

[10] A.L. 5 tal-1977 (li minflokhom da]lu fis-se]] ir-Regolamenti tal-1999 tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (Pro`edura ta' Dixxiplina), bl-A.L. 186 tal-1999, b'effett mill-1 ta' Frar, 2000)

rakkomandazzjoni għall-konsiderazzjoni tal-Kummissjoni, u l-eventwali deċiżjoni tal-Prim Ministru. Ir-Regolament li hemm fis-seħħ illum[11] minflok dan, jagħmilha iżjed ċara li hija l-Kummissjoni li tiddelibera dwar l-interdizzjoni u li trid tagħti rakkomandazzjoni lill-Prim Ministru dwar dan;

Illi l-istess Regolamenti kellhom ukoll dispożizzjonijiet dwar il-ħlas jew tnaqqis li l-uffiċjal pubbliku jkun intitolat għalih waqt iż-żmien li jkun interdett[12], filwaqt li, għall-finijiet tal-istess Regolamenti, il-kelma "salarju" kienet titqies li tfisser is-salarju jew paga bażika[13]. F'dan il-każ ukoll, l-aħħar kelma kienet tal-Prim Ministru wara li jkun sema' r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni;

Illi dawn id-dispożizzjonijiet kollha jidhru li jixħtu l-attenzjoni fuq il-Kummissjoni bħala dak l-organu li jagħmel l-aċċertamenti u fuq il-Prim Ministru li jieħu d-deċiżjoni dwar jekk joqgħodx fuq ir-rakkomandazzjonijiet tagħha jew le. Jekk inhu hekk, allura, l-imħarrek jiġi għandu biss rwol ta' eżekutur ta' tali deċiżjonijiet ogħla u li huwa marbut li jimplimentahom, jaqbel jew ma jaqbilx magħhom;

Illi d-diffikulta' li titnissel minn konklużjoni bħal din hi jekk uffiċjal pubbliku f'ċirkostanza bħal din jistax jazzjona lill-Prim Ministru jew lill-Kummissjoni, jew direttament jew billi jitlob is-sejħa fil-kawża tagħhom. L-attur, fin-Nota ta' Tweġiba tiegħu jagħmel aċċenn għal dan;

Illi, wara li rat l-artikoli 86(3) u 115 tal-Kostituzzjoni, u wara li qieset li l-azzjoni tal-attur m'hijiex mibnija fuq allegat ksur ta' xi dritt jew liberta' fundamentali tiegħu, din il-Qorti tasal biex tgħid li ma jiswa xejn li, f'każ bħal dan, l-attur jibda proċedura kontra l-Prim Ministru jew il-Kummissjoni, jew li jdaħħal lil xi wieħed minnhom f'kawża diġa' mibdija;

Illi huwa hawn li l-Qorti ssib il-qofol tad-diffikulta' li aċċennat għaliha aktar qabel, għaliex jekk deċiżjonijiet dixxiplinari bħall-interdizzjoni jew l-effetti pekunjarji

[11] A.L. 186.1999.12
[12] A.L.5.1977.4(2)(3) u ara A.L. 186.1999.12(6)(7)
[13] A.L. 5.1977.2 li hija l-istess tifsira f'A.L. 186.1999.2

marbutin magħhom ma jittiħdux mid-Direttur, imma mill-Prim Ministru, dan ifisser li uffiċjal pubbliku m'għandux jedd jew rimedju ġudizzjarju la kontra l-wieħed u lanqas kontra l-ieħor? Jidher li l-kliem u l-ispirtu tal-liġi jagħtu tweġiba affermativa għal din il-mistoqsija, ċertament f'dak li għandu x'jaqsam ma' proċedimenti dixxiplinari sakemm ma jkunx hemm xilja ta' ksur ta' jeddijiet fondamentali tal-persuna soġġetta għal tali proċedimenti. Hekk ukoll iddeċidew il-Qrati tagħna sa minn żmien ilu[14];

Illi fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet li għadhom kemm saru, għalhekk, il-Qorti tasal għall-fehma li l-imħarrek la ħa xi deċiżjoni dwar meta kellha tibda jew tintemm l-interdizzjoni tal-attur u lanqas ħa jew jista' jieħu deċiżjoni dwar il-ħlasijiet dovuti lill-attur għaż-żmien kollu li dam hekk interdett. Dan jgħodd ukoll minkejja l-fatt li l-attur huwa impjegat li jaqa' taħt id-Dipartiment rappreżentat mill-imħarrek. Fi kliem ieħor, il-Qorti tasal biex tgħid li l-imħarrek ma jistax iwieġeb għat-talba tal-attur, b'mod li l-eċċezzjoni tiegħu taħt eżami tidher mistħoqqa;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tilqa' t-tielet eċċezzjoni** tal-imħarrek Tabib Ewlieni tal-Gvern, u tiddikjara li huwa ma messux ġie mħarrek mill-attur, u għalhekk huwa qiegħed jiġi meħlus milli jibqa' fil-kawża bi spejjeż għall-attur.

**Moqrija**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.,**
**17 t'Ottubru, 2002**

---

[14] Ara, per e\empju, P.A. **25.2.1967** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Camilleri vs Campbell noe et*** (Kollez. Vol: **LI.ii.829**) u App. Kost. **21.1.1985** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Galea vs Chairman tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku et*** (Kollez. Vol: **LXIX.i.1)**

**Charles Falzon,**
**Deputat Reġistratur,**
**17 t'Ottubru, 2002**